**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 739/01 AJD*

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'

vs

Diane Grima

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-Kummissjoni attrici s-somma ta' tnax il-lira Maltin (Lm12.00) in linea ta' danni sofferti bhala konsegwenza li l-konvenuta ma rritornatx kotba u/jew oggetti mislufa lilha mir-Resource Centre tal-Kummissjoni attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji datati 9 ta' Frar, 2001, u 23 ta' April, 2001, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Doreen Clarke in rappresentanza tal-Kummissjoni attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lill-Kummissjoni attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Kummissjoni attrici s-somma ta' tnax il-lira Maltin (Lm12.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR